MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 76/1995/1

Lawrence Axiaq

vs

Frank J. u Rose konjuġi Psaila.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenuti s-somma ta' sitt mija u tletin lira u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm 630,92c) lilu dovuti ta' xogħol ta' installazzjoni tad-dawl u ilma u materjal minnu provdut għal esekuzzjoni ta' dana l-kuntratt ta' appalt u dana skond kif jirriżulta mill-anness kont Dokument 'A';

Illi l-attur esegwixxa dana l-appalt fid-dar residenzjali tal-istess konvenuti u ċioe' fil-fond bin-numru erbatax (14),

Triq Pawlu Boffa, Rabat, Għawdex u fil-fatt huwa ppresta opera sudisfaċenti;

Illi l-konvenuti nonostanti li ġew interpellati diversi drabi sabiex jħallsu dana l-ammont minnhom dovut, huma baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannahom li jħallsu lill-atur s-somma minnu mitluba ta' sitt mija u tletin lira u tnejn u disgħin ċenteżmu (LM630.92c) lilu dovuti skond kif intqal hawn fuq.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-erbatax (14) ta' Marzu 1995 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex għalkemm huwa veru illi l-attur għamel xogħlijiet u spejjeż fl-interess tagħhom, il-kont preżentat mill-attur fih diversi ripetizzjonijiet u kontradizzjonijiet ċari u huwa wieħed esaġerat, kif ukoll jinkludi xogħol illi ovvjament u kjarament ma sarx mill-attur.

2. Illi l-esponenti ma għandhom ibatu ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża stante 9illi in segwitu għall-ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu 1995 l-esponenti kienu attiraw l-attenzjoni tal-attur għad-diversi mankanzi fil-kont preżentat minnu u stednuh sabiex jiġi inkarigat inginier jew electrician indipendenti sabiex ikejjel u jistma x-xogħol li sar minnu, u għal din il-proposta huma baqghu qatt ma

rċevew ebda risposta. Għaldaqstant din il-kawża saret intempestivament.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minnhom.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru 1995 li bih innominat lill-A.I.C. Richard Aquilina bħala perit tekniku.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Gunju 1999 fejn l-istess perit ġie sostitwit b'William Cassar Torregiani bħala perit tekniku.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2001 fejn innominat lil John Xuereb bħala perit tekniku minflok William Cassar Torregiani.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru 2002 fejn innominat lil John Attard bħala perit tekniku minflok John Xuereb.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Gunju 2003 fejn innominat lil Philip Zammit bħala perit tekniku minflok John Attard.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2004 fejn innominat lill-Inginier Carmel Cuschieri minflok Philip Zammit bħala perit tekniku.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Diċembru 2007 fejn innominat lill-A.I.C. Valerio Schembri bħala perit tekniku minflok l-Inginier Carmel Cuschieri.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fid-9 ta' Gunju 2008 u minnu maħlufa fl-istess ġurnata.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha tat-13 ta' Jannar 2009 fejn il-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu ordnati jħallsuh is-somma indikata fiċ-ċitazzjoni li jgħid li tirrapreżenta l-ammont dovut lilu għal xogħol ta' *plumbing* u elettriku magħmul fil-fond tar-residenza tal-konvenuti u spejjeż relattivi.

Il-konvenuti kkontestaw l-ammont mitlub mill-attur u sostnew li l-kont huwa esaġerat. Madankollu waqt seduta peritali li saret fis-27 ta' Marzu 2008 sar is-segwenti verbal: "***Il-partijiet qed jirreġistraw qbil li x-xogħlijiet kollha elenkati fid-dokumenti esebiti in atti saru fl-intier tagħhom***." [1]

Wara dan il-verbal kien baqa' biss li l-perit tekniku jara jekk għax-xogħol involut l-attur kienx jistħoqqlu l-ammont li kien qed jirriklama permezz ta' din il-kawża. Wara li għamel aċċess u ħa konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa, il-perit tekniku kien f'pożizzjoni jasal għas-segwenti konklużjoni:

"*Mill-fatti li ġew a konjizzjoni ta' l-esponent u mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post, jidher illi s-somma ta' sitt mija u tletin lira maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm630.92) mitluba għax-xogħol li għamel l-attur fuq inkarigu tal-konvenuti ġewwa l-fond bin-numru erbatax (14) Triq Pawlu Boffa, Rabat, Għawdex, skond ir-rati kurrenti għall-habta ta' l-1994, hija waħda raġonevoli u tirrispekka r-rati tas-suq ta' dak iż-żmien*." [2]

Il-konvenuti kkritikaw din il-konklużjoni għal-diversi raġunijiet u ċioe' illi:

(i) mhux minnu li l-attur biddel l-*aerial* tat-*televison*, u kull ma għamel kien illi qalgħu sakemm saru

[1] Ara verbal a fol. 104 tal-process .
[2] ara rapport peritali a fol. 91 .

x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, u reġa' qegħdu fejn kien wara li tlestew;

(ii) il-perit tekniku ma ħax in konsiderazzjoni it-tletin lira (Lm30) li l-attur kien offra bħala senserija lil ċertu Joe Dimech, li kienet il-persuna li nfurmatu b'dan ix-xogħol; u

(iii) il-konvenuti kienu jafu lil dan Joe Dimech u mhux lill-attur in konnessjoni ma' dan ix-xogħol.

Minn eżami tal-proċess pero' jirriżulta illi:

(i) l-attur ma talabx ħlas għat-tqegħid ta' *aerial* *ġ*did, imma biss tax-xogħol involut biex jinqala' u jerġa jitpoġġa l-istess *aerial*, u l-ispejjeż għax-xiri ta' *joint box* u *wires* ġodda u aċċessorji relattivi;[3] barra minn hekk hemm ukoll id-dikjarazzjoni tal-konvenuti hawn fuq iċċitata, fejn aċċettaw li x-xogħol kollu indikat mill-attur tassew kien sar;

(ii) imkien ma jirriżulta illi l-attur żied dawn it-tletin lira (Lm30) fil-kont li ppreżenta lill-konvenuti; jidher biss li dawn kien ser jaqtagħhom mill-introjtu tiegħu bħala rikonoxximent lill-imsemmi Joe Dimech talli dan kien sablu din il-bicca xogħol;

(iii) il-konvenuti stess kienu ammettew li ma kellhom ebda relazzjoni ma' dan Joe Dimech fl-ittra tagħhom tas-16 ta' Marzu 1995 b'risposta għal dik ta' l-attur ta' jumejn qabel, fejn stqarrew testwalment illi "*Joseph Dimech hu totalment estraneu għall-kwistjoni stante illi hu kien biss inkarigat minn Frank Psaila sabiex jissorvelja x-xogħol illi għamilt inti u terzi persuni. Hu iffirma il-kont rilaxxjat minnek biss bħala 'acknowlegdement' ta' dan il-kont u mhux tal-korrettezza tal-istess kont, jew bħala ammissjoni illi l-ammont mitlub minnek hu realment dovut minnu. Għalhekk hu inutili illi inti tipproċedi kontra Joseph Dimech għaliex dan iwassal*

[3] ara Dok. LA 090203 a fol. 97 .

*biss għal spejjeż ġudizzjarji żejda*." [4] Barra minn hekk qatt ma kien hemm ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens.

Jirriżulta għalhekk illi din il-kritika tar-rapport peritali m'hi xejn ġustifikata, u għaldaqstant m'għandu jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba ta' l-attur m'għandhiex tintlaqa' fit-totalita' tagħha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur is-somma indikata ta' sitt mija u tletin lira maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (LM630.92) ekwivalenti llum għal elf erba' mija u sebgħin ewro (Eur. 1470).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-14 ta' Marzu 1995 u l-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] ara ittra relattiva Dok. B a fol. 11 tal-process .